MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Talba Numru. 507/2010

Intercomp Marketing Limited (C20612).

Vs

Raymond Coleiro (ID. 575154M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' tlett mija, seba u erbghin ewro u seba centezmi (€347.07) minghand il-konvenut, in konnessjoni ma 'computer hardware' mixtri minghand is-socjeta' attrici. U peress illi interpellat diversi drabi, l-konvenut baqa inadempjenti, kellha ssir din il-kawza. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mill-24 ta' April 2009, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija, seba u erbghin ewro u seba centezmi (€347.07), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------